

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/537

tal-5 ta' April 2016

dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard EN 50566:2013 dwar ir-reqwiziti li trid tintwera konformità ta' oqsma ta' frekwenza tar-radju minn apparati ta' komunikazzjoni mingħajr fili miżmumin fl-idejn jew immuntati użati mill-pubbliku ġenerali (30 MHz — 6 GHz) skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom ⁽¹⁾ b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Assessjar u tas-Sorveljanza tas-Suq dwar il-Konformità tat-Telekommunikazzjonijiet (it-TCAM), stabbilit bl-Artikolu 13 tad-Direttiva 1999/5/KE,

Billi:

- (1) Meta standard nazzjonali li jittrasponi standard armonizzat u li tkun ġiet ippubblikata r-referenza għalih f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikun ikopri wieħed jew aktar mir-reqwiziti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 1999/5/KE, it-tagħmir tar-radju mibni skont dan l-istandard jitqies konformi mar-reqwiziti essenzjali rilevanti.
- (2) Fl-Lulju 2014, Franza ressqet oġġezzjoni fejn jidħol l-istandard EN 50566:2013 dwar ir-reqwiziti li trid tintwera konformità ta' oqsma ta' frekwenza tar-radju minn apparati ta' komunikazzjoni mingħajr fili miżmumin fl-idejn jew immuntati użati mill-pubbliku ġenerali (30 MHz — 6 GHz).
- (3) Franza jidhrilha li dan l-istandard għandu jiġi rivedut biex jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet tal-użu tal-mowbajls u ta' apparat portabbli ieħor (bħat-tablets) u għalhekk ikun jipprovi kundizzjonijiet għad-distanza li biha għandha tiġi vvalutata s-SAR (ir-Rata Speċifika ta' Assorbiment) tal-ġisem.
- (4) Wara li eżaminat l-istandard EN 50566:2013 flimkien mar-rappreżentanti tal-Kumitat tal-Assessjar u tas-Sorveljanza tas-Suq dwar il-Konformità tat-Telekommunikazzjonijiet (it-TCAM), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard ma jissodisfax ir-reqwiziti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 1999/5/KE. L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 1999/5/KE jsemmi l-għanijiet fejn jidħlu r-reqwiziti tas-sikurezza li hemm fid-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Il-punt 1(d) tal-Anness I tad-Direttiva 2006/95/KE jistipula li "It-tagħmir elettriku għandu jkun iddisinjat u ffabrikat hekk illi jiżgura l-protezzjoni kontra r-riskji elenkati fil-punti 2 u 3 ta' dan l-Anness, sakemm it-tagħmir jintuża f'applikazzjonijiet li kien magħmul għalihom u jkun mantenut kif mistenni." Il-punt 2 tal-istess Anness jistipula li "Miżuri ta' natura teknika għandhom jiġu stabbiliti skont il-punt 1, sabiex ikun żgurat: (a) li l-persuni u l-annimali domestiċi jkunu protetti b'mod adegwat mill-periklu tal-ħsara fiżika jew ta' dannu ieħor li jista' jkun ikkawżat minn kuntatt dirett jew indirett" u "(c) li l-persuni, l-annimali domestiċi u l-proprjetà jkunu protetti b'mod adegwat minn perikli li mhumiex elettriċi kkawżati mit-tagħmir elettriku u li jinkixfu bl-esperjenza."

⁽¹⁾ ĠUL 91, 7.4.1999, p. 10.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10).

- (5) Filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sikurezza tal-istandard EN 50566:2013 hawn fuq imsemmija u li jridu jittejbu, u sakemm issir reviżjoni xierqa ta' dak l-istandard, il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard EN 50566:2013 għandha tkun akkumpanjata bi twissija xierqa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard EN 50566:2013 dwar ir-rekwiżiti li trid tintwera konformità ta' oqsma ta' frekwenza tar-radju minn apparati ta' komunikazzjoni mingħajr fili miżmumin fl-idejn jew immuntati użati mill-pubbliku ġenerali (30 MHz — 6 GHz) għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandards armonizzati Ewropej skont id-Direttiva 1999/5/KE

ESO ⁽¹⁾	Ir-referenza u t-titolu tal-istandard (u d-dokument ta' referenza)	L-ewwel pubbli-kazzjoni fil-ĠU	Ir-referenza tal-istandard sostitwit	Id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità tal-istandard sostitwit Nota 1	L-Artikolu tad-Direttiva 1999/5/KE
Cenelec	EN 50566:2013 Standard tal-prodott li juri konformità ta' oqsma ta' frekwenza tar-radju minn apparati ta' komunikazzjoni mingħajr fili miżmumin fl-idejn jew immuntati użati mill-pubbliku ġenerali (30 MHz — 6 GHz)	12.10.2013			L-Artikolu 3(1)(a)

Twissija: L-applikazzjoni ta' din il-pubblikazzjoni għandha tissodisfa ċertu kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-distanza tas-separazzjoni, li jkunu jirriflettu l-użu prattiku ta' kuljum, biex ikun żgurat l-użu sikur tal-apparati tal-komunikazzjoni mingħajr fili miżmumin fl-idejn u mmuntati li jintuża l-pubbliku ġenerali (30 MHz — 6 GHz), għall-finijiet tal-għanijiet tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 1999/5/KE, li għandu jinqara flimkien mal-Anness I tad-Direttiva 2006/95/KE. Pereżempju, għall-kejl tas-SAR tad-dirgħajn u tar-riġlejn (limitu ta' 4 W/kg), ma hemmx bżonn tintuża distanza tas-separazzjoni (l-apparat jista' jintmess); għall-kejl tas-SAR tat-torso (limitu ta' 2 W/kg), id-distanza tas-separazzjoni li tista' tintuża ma għandhiex taqbeż il-ftit millimetri.

⁽¹⁾ ESO: l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni:

CEN: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussels, BELGIQUE/BELGIË, Tel.+32 25500811; fax +32 25500819 (<http://www.cen.eu>)

CENELEC: Avenue Marnix 17, 1000 Bruxelles/Brussels, BELGIQUE/BELGIË, Tel.+32 25196871; fax +32 25196919 (<http://www.cenelec.eu>)

ETSI: 650, route des Lucioles, 06921 Sophia Antipolis, FRANCE, Tel.+33 492944200; fax +33 493654716, (<http://www.etsi.eu>)

Nota 1 Ġeneralment id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità se tkun id-data tal-irtirar ("dow"/date of withdrawal), stabbilita mill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni, iżda l-utenti għandhom jinnotaw li f'xi każijiet eċċezzjonali dan jista' jkun mod ieħor.